MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2006

Numru 775/2006

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Spiteri)
vs
Michelina Tanti, bint Joseph,
imwielda Ħal-Qormi fil-5 ta'
novembru, 1952

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli fl-1 ta' ġunju, 2006 u fix-xhur ta' qabel minn ġewwa l-ħanut 'Hot Coutre' f'tas-Sliema, u il-ħanut 'Evans' minn ġewwa tas-Sliema kkomettiet serq ta' ħwejjeġ tal-valur ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' l-imsemmija kumpaniji liema serq hu aggravat bil-valur.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' settembru, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputata ħallset l-affarijiet li kienet ħadet, li huma tal-valur ta' Lm170.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' settembru, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, il-fatt li ħallset għal dak kollu li ħadet u l-ammissjoni tagħha. Ma tikkundannhiex għal piena karċerarja iżda tilliberha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------